**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Marzu, 2016**

Talba Numru: 787/2012JB

Kawza Numru: 4

**John Felice (K.I.: 394643M) u Joseph Mifsud (K.I.: 85740M)**

***vs***

**Brian Borg (K.I.: 526674M) u Maria Louisa Cassar (K.I.: 549275M) u Alali Saleh (K.I.: 727548A)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-26 ta' Novembru 2012 li jaqra' hekk:

> Din hija istanza fejn l-atturi qeghdin jitolbu l-kundanna tal-Konvenuti jew min minnhom sabiex ihallsu l-ammont kumplessiv ta' elf disa' mija u tlieta u tmenin euro u wiehed u sittin centezmu (€1,983.61) in kwantu ghal elf hames mija u ghoxrin euro u hamsa u tletin centezmu (€1,520.35) lil John Felice u l-ammont ta' erba' mija u tlieta u sittin euro u sitta u ghoxrin centezmu (€436.26) lil Joseph Mifsud rispettivament, rapprezentanti hsara li saret fl-14 ta' Mejju 2012, go appliances varji fir-residenzi rispettivi taghhom li gew ikkawzati mill-Konvenut Alali Saleh li qata' xi wires tad-dawl tal-Enemalta waqt li kien qieghed jaghmel xogholijiet fir-residenza tal-Konvenuti Brian Borg u Maria Louisa Cassar, hekk kif imqabbad u inkarigat minnhom.
>
> Illi l-Konvenuti Brian Borg u Maria Louisa Cassar inkarigaw lill-Konvenut Alali Saleh sabiex jaghmel xi xogholijiet fuq il-faccata taghhom u huma kienu unikament responsabbli li jaccertaw rwiehhom li dan ix-xoghol isir skond l-arti u s-sengha u li l-persuna inkarigata minhom kienet licenzjata u/jew awtorizzata li taghmel dan ix-xoghol kif ukoll li tinhareg assikurazzjoni adegwata ghall-hsarat li jistghu jigu kkawzati lil terzi persuni.
>
> Illi ghad li l-Atturi interpellaw lill-Konvenuti diversi drabi sabiex ihallsu l-imsemmi ammont dovut, huma baqghu inadempjenti u ma hallsux u ghalhekk kellha sir din il-kawza.

Talbu wkoll l-ispejjez kemm tal-kawza kif ukoll tal-ittra ufficcjali minnhom prezentata.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-23 ta' Jannar 2013;

Ra li l-Konvenuti Brian Borg u Maria Louisa Cassar, debitament notifikati, laqghu ghal din il-kawza billi nhar l-10 ta' Dicembru 2012 ipprezetaw risposta (a fol 8), li permezz taghha eccepew dan li gej:

1. Fl-ewwel lok irid jinghad li l-eccipjenti Brian Borg u Maria Louisa Cassar ma kienux l-unici persuni li kkommissjonaw lill-konvenut l-iehor Alali Saleh sabiex jezegwixxi x-xogholijiet fuq il-faccata, in kwantu l-istess imsemmi konvenut kien gie konguntament appaltat mill-kondomini Vince u Fiona Testaferrata de Noto li jirrisjedu fl-appartament Numru tnejn (2) fl-istess blokka ta' flats;

2. Illi f'kull kaz l-eccipjenti ma jistawx ikunu kundanabbli ghad-danni pretizi in kwantu ma jezisti l-ebda ness, ex-delicto jew vel quasi, ta' xi ghemil negligenti jew imprudenti da parti taghhom u l-event dannuz;

3. Illi f'kull kaz ukoll ma jezistux l-estremi tal-artikolu 1037 tal-Kodici civili (ara **"Magistrat Dottor W. Soler -vs- Avv. Dottor Fortunato Mizzi noe", App. Civ., 10 ta' Mejju, 1967**);

4. Illi kif ghandu jirrizulta mill-provi l-konvenut Alali Saleh kien ammetta r-responsabilita' tieghu ghall-akkadut u accetta li jirrizarcixxi d-danni;

5. Illi bla pregudizzju ghall-premess id-danni reklamati huma esagerati u altament inflazzjonati.

Ra li l-Konvenut Alali Saleh, debitament notifikati, laqa' ghal din il-kawza billi nhar is-17 ta' Dicembru 2012 ipprezetaw risposta (a fol 10), li permezz taghha eccepixxa dan li gej:

Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-esponenti stante li l-esponent bl-ebda mod ma kkawza d-danni reklamati u/jew bl-ebda mod ma jista jigi tenut responsabbli ghall-hglas tal-istess;

Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost l-ammont reklamat huwa esagerat.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra;

Illi permezz tal-odjerna kawza, l-Atturi qeghdin jitolbu r-risarciment tad-danni li huma sofrew b'konsegwenza ta' hsara f'*cables* elettrici. Il-Konvenuti, min-naha taghhom qeghdin jilqghu ghal dina l-kawza permezz ta' ghadd ta' eccezzjonijiet li t-Tribunal sejjer jistharreg.

Illi mill-assjem tal-provi rrizulta dan li gej:

Meta xehed l-Attur Joseph Mifsud bil-procedura tal-affidavit (a fol 20) dan stqarr li nhar l-14 ta' Mejju 2012 waqt li kien qieghed id-dar, sema' xi haga tfaqqa' u ra duhhan hiereg minn VCR. Fl-istess hin sema' ghajjat mit-triq u mar jittawwal mit-tieqa. Jghid li ra *high-up* imwahhal fit-tieni sular tad-dar tal-Konvenuti Borg u *cable* maqtugh. Jghid li marru l-Pulizija fuq il-post. Min-naha tieghu sab li *appliances* kif ukoll l-*alarm* tad-dar ma bdewx jahdmu. Jghid li cempel lit-tekniku biex isewwi l-*alarm* u dan kellu jbiddel il-*power supply*. Jghid li ghamel rapport mal-Enemalta u dawn ikkonfermaw li l-hsara grat minhabba *power surge*. L-Enemalta infurmawh li ma kienux responsabbli ghall-hsarat peress li l-*power surge* ma gietx ikkawzata minnhom. Hu qabbad inginier sabiex jivverifika l-apparat u dan irrediga rapport tal-hsarat. Jghid li wiehed mill-girien tieghu, certu Pullicino, kien qallu li hu sofra hsara wkoll izda l-Konvenut Saleh kien ghamel tajjeb ghaliha.

Min-naha tieghu, l-Attur John Felice xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit (a fol 41) u stqarr li hu jiggestixxi hanut gewwa t-triq in kwistjoni. Spjega x'gara dak in-nhar tal-14 ta' Mejju 2012. Jghid li t-tifla tieghu (li jidher li tabita fil-fond sovrastanti l-hanut tieghu) rat xi duhhan hiereg mill-hanut. Jghid li hu mar fuq il-post u aktar tard mal-jum il-Konvenuti talbuh lista tal-oggetti li kienu garrbu hsarat. Kellem ukoll lill-assikuraturi tieghu. Jghid li sussegwentement gie mgharraf mill-assikuraturi li ma kienux se jkopru ghad-danni fil-waqt li l-Enemalta gharrfitu li ma kienux responsabbli ghad-danni. Meta xehed in kontro-ezami (a fol 61) Felice kkonferma li x-xoghol fil-proprjeta tal-Konvenuti Borg kien qieghed isir mill-Konvenut Saleh. Jghid li hu harrek lil Borg peress li dawn kienu marru ghandu flimkien ma' Saleh u jistqarr li ma kienx jaf li kien hemm kommitenti ohra tax-xogholijiet.

Eric Montfort xehed (a fol 71) u kkonferma li applikazzjonijiet dwar xoghol fuq faccati jsiru jaqghu taht ir-responsabbilita tal-ARMS.

Simon Felice xehed (a fol 72) li jigi iben l-Attur, stqarr li hu kuntrattur fid-dawl u l-ilma. Spjega kif isehh *power surge*.

Reuben Bonnici xehed (a fol 82) li hu rapprezentant tal-ARMS. Spjega x'applikazzjoni tista' ssir meta jkunu mehtiega devjazzjonijiet fil-linji jew l-istallazzjoni ta' *gaiters*. Jghid li l-applikazzjoni trid issir mill-persuna li fuqha jkun registrat is-servizz. Meta rega' xehed (a fol 104) Bonnici kkonferma li qatt ma saret applikazzjoni ghall-istallazzjoni ta' *gaiters*, *switching* ta' elettriku, jew devjazzjonijiet ta' *cables* fir-rigward tal-proprjeta mertu tal-kawza.

Il-Konvenut Brian Borg xehed bil-procedura tal-affidavit (a fol 100) u stqarr li hu kien qabbad lill-Konvenut Saleh wara li kellem lill-girien ta' fuqu, sabiex jaghmel xi xoghol fuq il-faccata. Jghid li biex isir dan ix-xoghol ottjenew permess tal-kunsill lokali. Jghid li fit-12 ta' Mejju 2012, Saleh cempillu u infurmah li kien inqata' *cable* tal-Enemalta. Jghid li Saleh qallu li dan gara meta l-*high-up* li kien qed jahdem bih nizillu f'daqqa. Jghid li fuq il-post marru l-Pulizija. Jghid li mal-Pulizija kienu baqghu li Saleh ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni. Jghid li wara gew il-haddiema tal-Enemalta li sewwew il-hsara. Il-haddiema tal-Enemalta heggew lil min kellu hsara sabiex jaghmel rapport kemm mal-Pulizija kif ukoll mal-Enemalta. Ikkonferma li Felice qallu li kien garrab hsara u sahanistra wrieh kaxxi bl-apparat affettwat. Jghid li Felice irrediga lista tal-hsarat u din il-lista spiccat ghand Saleh.

Maria Luisa Cassar xehdet (a fol 107) u kkonfermat l-affidavit ta' zewgha.

Alali Saleh xehed (a fol 112) u stqarr li hu kien imqabbad jaghmel xi xoghol ta' kisi mill-Konvenuti 'l ohra gewwa Hal-Tarxien. Jghid li sabiex jahdem kellu bzonn *cherry-picker* li hu krieh minghand terzi. Hu kien qieghed jopera dan l-apparat bil-*levers* peress li jinkera minghajr xufier. Jghid li ghad li kien ftiehem mal-Konvenut Borg, kien ghamel xi xoghol zghir ghand Vince Testaferrata de Noto. Jghid li hu u jahdem, ic-*cherry picker* marritlu s-sistema tal-*hydraulic* u beda niezel bil-mod, imbaghad niezel f'salt u qata' l-linji tal-elettriku. Jghid li marru fuq il-post haddiema tal-Enemalta u kellmu lir-residenti u infurmawhom li jekk sofrew xi hsarat kellhom jgharrfu lill-Enemalta imbaghad l-Enemalta ddur kontrih. Jghid li fil-fatt hu gie mitlub ihallas is-somma ta' disgha u sebghin euro (€79) mill-Enemalta u fil-fatt qabad u hallashom. Jghid li hu kien tkellem mal-Atturi ghax baghtu ghalih. Jghid li hu qatt ma obbliga ruhu li jaghmel tajjeb ghal xi hsara minkejja li hallas ghal

xi spejjez zghar. Jghid li f'disa' snin kemm ilu jahdem, qatt ma kellu incidenti hlief din id-darba.

Saleh ipprezenta wkoll affidavit (a fol 119) fejn ikkonferma dak li kien xehed precedentement. Ipprezenta wkoll ittra li rcieva minghand l-Enemalta (a fol 120) fejn gie interpellat jersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni. Ikkonferma li l-ammont mitlub mill-Enemalta fil-fatt thallas.

Meta xehed in kontro-ezami (a fol 143) Saleh qal li meta mar il-Pulizija fuq il-post hu kellu qatgha fuqu u ma setax jitkellem. Jghid li hu ma jiftakarx jekk ikkommettiex ruhu li jaghmel tajjeb ghall-hsarat. Jghid li wara l-incident, wahda mir-residenti bdiet iddejjqu u spicca anke ghamel rapport l-Ghassa ta' Hal-Qormi. Jghid li hu vverifika mal-Enemalta jekk kienux ircevew aktar rapporti u dawn wegbuh fin-negattiv.

Fiona Testaferrata di Noto xehdet bil-procedura tal-affidavit (a fol 17) u kkonfermat li kienu saru xogholijiet fuq il-faccata taghhom peress li kienet qed tikrieh. Tali xogholijiet saru flimkien mal-Konvenuti Borg u tqabbad Saleh. L-ispiza inqasmet bin-nofs.

Mario Carabott xehed (a fol 129) li hu impjegat bhala *foreman* mal-Enemalta. Spjega x'kien gara dak in-nhar tal-incident li ta lok ghal dina l-kawza. Jghid li hu ghamel stima tal-hsara li garrbet l-Enemalta rizultat tal-incident liema hsara kienet tikkonsisti fi hsara f'*cable*. Meta rega xehed (a fol 133), Carabott ipprezenta pjanta li turi liema residenzi setghu garrbu hsarat minhabba l-incident. Hu kkonferma li minkejja li jkun hemm *smart meter*, dan ma jzommx milli tigri hsara.

Marisa Cassar xehdet (a fol 137) li hi impjegata bhala *legal representative* mal-Enemalta. Hija pprezentat fattura li nharget lil Saleh u kkonfermat li din thallset.

Xehed ukoll George Fenech (a fol 147) li jigi missier it-tfajla ta' Saleh. Fenech jghid li hu kien mar fuq il-post fejn sab inginier tal-Enemalta u dan qallu li ma jistax ikun li sehhew hsarat.

Xehed ukoll David Vella (a fol 149) li jahdem mal-Enemalta li kkonferma li l-Atturi kienu ghamlu rapport ta' hsara ftit jiem wara l-incident.

Ikkunsidra;

It-Tribunal sejjer jghaddi sabiex iqis l-eccezzjonijiet tal-Konvenuti Borg u Cassar u senjatament sejjer iqis qabel xejn it-tieni eccezzjoni taghhom.

Illi mill-assjem tal-provi jidher bic-car li l-incident li ta lok ghal din il-kawza gara meta *cherry picker* li kien qieghed jintuza mill-Konvenut Saleh garrab xi hsara fis-sistema tal-*hydraulic* u nizel f'daqqa bil-konsegwenza li qaccat *cable* tal-elettriku. Mill-assjem tal-provi, partikolarment minn dak li xehed Carabott jidher bic-car li dan seta' jaghti lok ghal hsara ghand konsumaturi li joqghodu fil-vicinanzi ta' fejn sar l-incident. Mhuwiex kontestat li kien hemm min sofra hsara tant li Saleh ikkonferma li ghamel tajjeb ghal xi hsarat. Jghid madankollu li ghamel dan peress li kien hemm persuna li bdiet iddejjqu. Mill-assjem tal-provi irrizulta bic-car li Saleh ghandu certu esperjenza bhala kahhal u ma jidhirx li qatt kellu incidenti. Fil-kaz odjern jidher li l-hsara kollha grat minhabba difett fic-*cherry picker* li kien

qieghed jintuza. Ghad li dan ic-*cherry picker* ma kienx proprjeta ta' Saleh, kien mikri minnu.

Fic-cirkostanzi, huwa car li l-Konvenuti Borg u Cassar ma jahtu xejn ghal dan l-incident. Anzi t-Tribunal iqis li l-prezenza taghhom fil-kawza ma kienetx mehtiega *ab initio*. Anke minn qari tal-Avviz tat-Talba, l-Atturi jghidu car u tond li l-hsarat "*gew ikkawzati mill-Konvenut Alali Saleh li qata' xi wires tad-dawl tal-Enemalta waqt li kien qieghed jaghmel xogholijiet fir-residenza tal-Konvenuti Brian Borg u Maria Louisa Cassar, hekk kif imqabbad u inkarigat minnhom*." Imbaghad, biex jaghmlu ness mal-Konvenuti Borg u Cassar izidu jghidu li dawn "*inkarigaw lill-Konvenut Alali Saleh sabiex jaghmel xi xogholijiet fuq il-faccata taghhom u huma kienu unikament responsabbli li jaccertaw rwiehhom li dan ix-xoghol isir skond l-arti u s-sengha u li l-persuna inkarigata minhom kienet licenzjata u/jew awtorizzata li taghmel dan ix-xoghol kif ukoll li tinhareg assikurazzjoni adegwata ghall-hsarat li jistghu jigu kkawzati lil terzi persuni*." Bir-rispett kollu, ma giex specifikat minn fejn johrog l-obbligu tal-assikurazzjoni u lanqas ma hu korrett li wiehed jghid li r-responsabilita li x-xoghol isir skond l-arti u s-sengha tmiss lill-istess Borg u Cassar. Dmir Borg u Cassar kien li jqabbdu kuntrattur kapaci u dan jidher li ghamluh. Fejn jissemmew licenzji u awtorizzazzjonijiet, it-Tribunal iqis li dan hu kumment gratuwitu tenut kont li ma jidhirx li hemm il-htiega ta' xi licenzja ghall-kahhala.

Kunsidrat dan kollu, it-Tribunal iqis li t-tieni eccezzjoni timmerita li tigi akkolta u konsegwentement it-Tribunal se jillibera lill-Konvenuti Borg u Cassar mill-osservanza tal-gudizzju b'dan izda li billi jidher li l-prezenza ta' l-istess Konvenuti ma kienetx mehtiega, se jaghti provvediment dwar l-ispejjez. Tenut kont ta' dan, it-Tribunal se jastjeni milli jqis il-bqija tal-eccezzjonijiet sollevati mill-istess Konvenuti Borg u Cassar.

Ikkunsidra;

Illi sorvolata l-kwistjoni tal-prezenza ta' Borg u Cassar fil-kawza, it-Tribunal se jghaddi sabiex iqis l-eccezzjonijiet sollevati minn Saleh.

Fil-fehma tat-Tribunal, mhemmx dubju li l-incident li ta lok ghal din il-kawza sehh u b'konsegwenza tieghu l-Atturi garrbu danni. Billi kif diga nghad, dan l-incident sehh minhabba difett fic-*cherry picker* li kien qieghed jintuza minn Saleh u ghad li dan ic-*cherry picker* ma kienx proprjeta ta' Saleh, kien mikri minnu, il-Konvenut Saleh huwa responsabbli ghall-akkadut. Isegwi ghalhekk li l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Konvenut Saleh ma tregix u qed tigi respinta.

Ikkunsidra;

Illi dan igib lit-Tribunal sabiex iqis it-tieni eccezzjoni sollevata mill-Konvenut Saleh u cjoe li l-ammont reklamat hu esagerat. Issa t-Tribunal ghandu quddiemu ghadd ta' dokumenti u rcevuti prezentati mill-Atturi li ma gew bl-ebda mod kontestati mill-Konvenut Saleh. Fic-cirkostanzi ghalhekk, it-Tribunal iqis li l-ammont reklamat gie ppruvat u konsegwentement it-tieni eccezzjoni sollevata mill-Konvenut Saleh ma tregix u qed tigi respinta.

Ikkunsidra;

Illi fejn imiss mal-kap tal-ispejjez, it-Tribunal jinnota li qeghdin jintalbu wkoll l-ispejjez ta' ittra ufficcjali. It-Tribunal ra l-atti processwali u jirrizulta li mhux biss ma ngiebetx kopja tal-

istess ittra talli lanqas ma nghatat riferenza taghha. Ghalhekk, din il-parti tal-pretensjoni mhijiex se tintlaqa'. Fejn imiss mal-ispejjez tal-Konvenuti Borg u Cassar, ghall-istess ragunijiet li nghataw aktar 'il fuq u cjoe li tharrku inutilment, it-Tribunal iqis li l-ispejjez ta' dawn il-Konvenuti ghandhom ibatuhom l-Atturi.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza, billi fil-waqt li jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-Konvenuti Borg u Cassar, jillibera lill-istess Konvenuti Borg u Cassar mill-osservanza tal-gudizzju u konsegwentement jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eccezzjonijiet minnhom sollevati, jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-Konvenut Saleh, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut Saleh ihallas is-somma ta' €1,983.61 in kwantu ghal €1,520.35 lil John Felice u l-ammont ta' €436.26 lil Joseph Mifsud. Spejjez ta' din il-kawza (mhux tal-ittra ufficcjali riferita fl-avviz) ikunu a karigu tal-Konvenut Saleh b'dan li l-ispejjez tal-Konvenuti Borg u Cassar jkunu a karigu tal-Atturi.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Alan K. Zerafa
*Deputat Reġistratur*